**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta mizmuma llum l-Erbgha, 21 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Mark Cremona)**

**vs**

**Noel Aquilina**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Noel Aquilina ta' 47 sena, iben Mario u Michelina nee' Bajada imwieled tal-Pieta, nhar it-23 ta' Dicembru 1975 u residenti gewwa 10, Amaryllis Crt. Flat 5 Triq Mons Anton Psaila Zejtun u detentur tal-karta tal-identita Maltija 40976M

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Jannar 2023 u/jew fil-jiem ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe delitt ta' serq aggravat ta' wires, minn gewwa dawn il-gzejjer, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, li kieku dan id-delitt gie

esegwit kien ikun kkwalifikat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma huwiex izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Go plc u/jew persuni jew entitajiet ohra

2. u aktar talli fl-istess data u fil-jiem ta' qabel, lok hin u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija l-imputat jigi trattat bhala recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta ai terminu tal-Artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-1 ta' Frar 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tlett (3) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti ezebiti mill-ufficjal tal-probation Rona Agius Custo, li giet mahtura biex thejji *pre-sentencing report* taghha fil-konfront tal-imputat.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2023, l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant, ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, hija ser issibu hati biss tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

9. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

10. Il-fedina penali tieghu hija wahda raffrettarja, b'ghoxrin (20) kundanna moghtija minn dawn il-Qrati, il-maggoranza assoluta taghhom huma ghal serq ikkwalifikat. Apparti pieni karcerarji, huwa inghata wkoll diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu permezz ta' sanzjonijiet fil-komunita jew sentenzi sospizi.

11. Ghalkemm fuq talba tad-difiza din il-Qorti ordnat li jithejja pre-sentencing report fil-konfront tal-imputat, l-Ufficjal tal-Probation xehdet li hija ma setghetx tikkonkludi dan ir-rapport, ghax l-imputat ma ikkoperax maghha u ma attendiex ghas-seduti. Madanakollu hija lahqet gabret hafna informazzjoni fuq l-imputat liema informazzjoni tatha lill-Qorti.

12. Mill-fedina penali jirrizulta li f'dawn l-ahhar snin, l-imputat kellu zewg kundanni biss, wahda fis-sena 2015 talli ikkaguna ferita ta' natura gravi, u ohra fis-sena 2017 talli saq vettura minghajr polza tal-assigurazzjoni u minghajr licenzja ta' cirkolazzjoni. Dan l-ahhar tlett snin huwa ghandu wkoll impjieg full-time stabbli, mentri fis-snin ta' qabel kien ibiddel l-impjieg tieghu wara ftit xhur.

13. L-Ufficjal tal-Probation xehdet ukoll li l-imputat qiegħed f'relazzjoni stabbli, u li l-koppja kienet qed tistenna tarbija. Jidher li din it-tqala ma kinitx ippjanata, u li l-imputat ma kienx qed iħossu ippreparat għal din ir-responsabbilita. Għalhekk jidher li l-imputat qiegħed ukoll fi żmien pjuttost delikat f'ħajjtu.

14. Fil-passat l-imputat kellu problema ta' tossikodipendenza, izda wara li għamel it-tieni programm ta' ri-abilitazzjoni fl-2003, hu jgħid li ma baqax jabbuża mid-droga. Pero f'xi kampjuni tal-urina li ħalla mad-dipartiment, jidher li kien hemm xi tracci ta' kokaina li ma kienux konklussivi.

15. Fil-kaz odjern, il-Qorti ma tistax tati piena ta' sentenza sospiza, għaliex l-imputat ammetta wkoll li hu recidiv, kif jirrizulta anke mill-fedina penali ezebita.

16. Il-Qorti tikkonfessa li n-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-imputat mal-Ufficjal tal-Probation sabiex jitħejja l-pre-sentencing report, tefa' dubbju kemm l-imputat hu lest li jobdi ordni ta' Probation jekk din tiġi imposta fuqu. Pero, fit-trattazzjoni orali anke l-Prosekuzzjoni issottomettiet li jkun iktar opportun li l-imputat jingħata l-għajnuna sabiex jerga' jaqbad fit-triq it-tajba. Pero, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li l-imputat għandu jingħata din l-opportunita sabiex jerga' jaqbad t-triq it-tajba li kien miexi fiha.

**Konkluzjoni**

10. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat;

2. Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati bħala recidiv tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mil-lum, bil-

kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta’ Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

3. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista’ jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni.

11. Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta’ Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**